**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-5 ta' Ottubru 2009 — Il-Kummissjoni vs Roodhuijzen**

**(Kawża T-58/08 P)** [1]

***("Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Siġurtà soċjali — Skema konġunta tal-assigurazzjoni kontra l-mard — Kopertura tas-sieħeb mhux miżżewweġ")***

(2009/C 282/80)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Currall u D. Martin, aġenti)

*Appellat:* Anton Pieter Roodhuijzen (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentant: É. Boigelot, avukat)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla) tas-27 ta' Novembru 2007, Roodjuijzen vs Il-Kummissjoni (F-122/06, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

**Dispożittiv**

(1) *L-appell huwa miċħud.*

(2) *Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk subiti minn Anton Pieter Roodhuijzen fil-kuntest ta' din l-istanza.*

---

([1]) ĠU C 92, 12.4.2008.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-30 ta' Settembru 2009 — JOOP! vs UASI (!)**

**(Kawża T-75/08)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja figurattiva li tirrappreżenta punt esklamattiv — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Nuqqas ta' karattru distintiv miksub permezz tal-użu — Artikolu 7(1)(b) u (ċ) u Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li saru l-Artikolu 7(1)(b)u (ċ), u l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009]")***

(2009/C 282/81)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* JOOP! GmbH (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Schmidt-Hollburg, W. Möllering, A. Löhde, H. Leo, A. Witte, T. Frank, A. Theil, H.-P. Rühland, B. Willers u T. Rein, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Awla tal-Bord tal-Appell tal-UASI, tas-26 ta' Novembru 2007 (Każ R 1134/2007-1), rigward applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' sinjal figurattiv bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *JOOP! GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 107, 26.4.2008.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-6 ta' Ottubru 2009 — Sundholm vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-102/08 P)** [1]

***("Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Evalwazzjoni — Rapport tal-iżvilupp tal-karriera b'eżekuzzjoni ta' sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza — Proċedura ta' evalwazzjoni 2001/2002 — Assenzi ġustifikati — Obbligu ta' motivazzjoni")***

(2009/C 282/82)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Asa Sundholm (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u É. Marchal, avukati)

*Appellata:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: C. Berardis-Kayser u G. Berscheid, aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur, avukat)

**Suġġett**

Appell ippreżentat mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tat-13 ta' Diċembru 2007, Sundholm vs Il-Kummissjoni, (F-27/07, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

**Dispożittiv**

(1) *Is-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tat-13 ta' Diċembru 2007, Sundholm vs Il-Kummissjoni, (F-27/07, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), hija annullata.*

(2) *Id-deċiżjoni tat-2 ta' Ġunju 2006, li permezz tagħha l-evalwatur tal-appell adotta r-rapport tal-iżvilupp tal-karriera ta' Asa Sundholm għall-perijodu bejn l-1 ta' Lulju 2001 sal-31 ta' Diċembru 2002, hija annullata.*

(3) *Il-kumplament tar-rikors ippreżentat fl-ewwel istanza huwa miċħud.*

(4) *Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej hija kkundannata għall-ispejjeż tal-proċedura quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kif ukoll dawk tal-istanza preżenti.*

---

([1]) ĠU C 107, 26.4.2008.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-14 ta' Ottubru 2009 — Ferrero SpA vs UASI — Tirol Milch (TiMi KiNDERJOGHURT)**

**(Kawża T-140/08)** ([1])

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark Komunitarja figurattiva TiMi KiNDERJOGHURT — Trade mark verbali preċedenti KINDER — Raġuni relattiva għal rifjut — Nuqqas ta' xebh bejn is-sinjali — Proċedimenti ta' oppożizzjoni preċedenti — Nuqqas ta' res judicata — Artikolu 8(1)(b), Artikolu 8(5), u Artikolu 52(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li saru l-Artikolu 8(1)(b), l-Artikolu 8(5), u l-Artikolu 53(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009]")***

(2009/C 282/83)

*Lingwa tal-kawża: L-Ingliż*

## Partijiet

*Rikorrenti:* Ferrero SpA (Alba, l-Italja) (rappreżentanti: C. Gielen u F. Jacobacci, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Botis, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI:* Tirol Milch reg.Gen.mbH Innsbruck (Innsbruck, l-Awstrija)

## Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Awla tal-Bord tal-Appell tal-UASI, tat-30 ta' Jannar 2008 (Każ R 682/2007-2) dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Ferrero SpA u Tirol Milch reg.Gen.mbH Innsbruck.

## Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Ferrero SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 142, 7.6.2008.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-13 ta' Ottubru 2009 — Deutsche Rockwool Mineralwoll vs UASI — Redrock Construction (REDROCK)**

**(Kawża T-146/08)** ([1])

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva REDROCK — Trade mark nazzjonali preċedenti Rock — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009]")***

(2009/C 282/84)

*Lingwa tal-kawża: Iċ-Ċek*

## Partijiet

*Rikorrenti:* Deutsche Rockwool Mineralwoll GmbH & Co. OHG (Gladbeck, il-Ġermanja) (rappreżentant: S. Beckmann, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: K. Dvořáková u O. Montalto, aġenti)

*Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza:* Redrock Construction s.r.o. (Praga, Ir-Repubblika Ċeka) (rappreżentant: D. Krofta, avukat)

## Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Awla tal-Bord tal-Appell tal-UASI, tat-18 ta' Frar 2008 (R 506/2007-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Deutsche Rockwool Mineralwoll Gmbh & Co. OHG u Redrock Construction s.r.o.

## Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Deutsche Rockwool Mineralwoll GmbH & Co. OHG għandha tbati l-ispejjeż tagħha u tliet kwarti mill-ispejjeż inkorsi minn Redrock Construction s.r.o.*

(3) *L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u kwart mill-ispejjeż inkorsi minn Redrock Construction s.r.o.*

---

([1]) ĠU C 158, 21.6.2008.